# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 22 ta' Jannar 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 506/2023 JPG**
**Kawza nru.: 20**

**GG**
**vs**
**MF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur datat 27 ta' Settembru 2023, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi huwa zzewweg lill-intimata MF fit-tlettax ta' Gunju tas-sena elf disa' mija tnejn u disghin (13.06.1992) ġewwa il-Knisja Parrokjali ta' Ta' Xbiex u z-zwieg ta' dina l-koppja gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv elfejn disa' mija sebgha u erbghin tas-sena elf disa' mija tnejn u disghin (947/1992) (Certifikat taz-zwieg anness Dok A).*

*Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Michela Marie Mifsud tal-hamsa ta' Novembru tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (05.11.2021) - (Kopja tal-Kuntratt ta' Separazzjoni- Dok B).*

*Illi l-erbgha (4) ulied tal-partijiet huma maggiorenni pero' l-izghar fost l-ulied*

*u cioe' JGF li twieled f'X kien ghadu qieghed jistudja b'mod full time u li ghalih hemm provdut il-hlas ta' manteniment skond il-provedimenti tal-kuntratt ta' separazzjoni liema manteniment m'ghadux aktar dovut stante li issa huwa impjegat fuq bazi full time;*

*Illi ghaddiet aktar minn sena mid-data tas-separazzjoni u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikesti mill-ligi ghal-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant r-rikorrenti GG jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti biex tiddikjara li z-zwieg tieghu ma' MF hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u biex jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata ma ppresentat ebda risposta izda dehret ghas-seduta tal-20 ta' Novembru 2023 u ddikjarat li ma ghandhiex oggezzjoni ghad-divorzju u ppresentat l-affidavit taghha kif ukoll xehdet viva voce (vide fol 20);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 15) illi l-partijiet izzewgu nhar it-13 ta' Gunju 1992, u minn

dan iz-zwieg huwa kellhom erbghat itfal, illum maggorenni. Sostna illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Michela Marie Mifsud datat nhar il-5 ta' Novembru 2021. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimata xehdet** (vide xhieda fol 21A et seqq.) u kkonfermat u kkorraborat x-xhieda tal-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-13 ta' Gunju 1992, liema zwieg jgib certifikat numru 947/1992 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Michela Marie Mifsud il-5 ta' Novembru 2021 (Vide fol 7 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 947/1992 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**